MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1014/2001/1

**Carmelo u Mary konjugi Pace.**

**-vs-**

**Jack Frost Frozen Foods MFG Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-kumpannija konvenuta talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' qbid numru 1151/01 kontra l-kumpannija M.A. Supermarkets Limited (kopja annessa bhala Dok. A).

Illi in forza ta’ dan il-mandat, il-kumpannija konvenuta talbet il-bejgh in subasta tal-oggetti indikati fl-istess mandat permezz ta’ rikors ipprezentat fid-29 ta’ Mejju 2001, u b’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-31 ta’ Mejju 2001 din it-talba giet milqugha u gie ordnat il-bejgh in subasta tal-istess oggetti.

Illi l-oggetti maqbuda permezz tal-istess mandat elenkati fir-riferta tal-Marixxal kollha jappartjenu lill-atturi personalment u mhux lil kumpannija M.A. Supermarkets Limited, u dan kif jirrizulta fl-iskrittura annessa bhala Dok B, li permezz taghha l-istess kumpannija M.A. Supermarkets Limited trasferiet lill-atturi l-oggetti indikati fil-mandat flimkien ma’ oggetti ohra.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti indikati fil-mandat ta’ qbid numru 1151/01 huma proprjeta’ tal-atturi Carmelo u Mary konjugi Pace.

2. Tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 1151/01 fuq imsemmi stante li l-oggetti li gew maqbuda in forza tieghu m’humiex proprjeta’ tal-kumpannija konvenuta izda huma proprjeta’ tal-atturi.

3. Konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett l-ordni tal-bejgh in subasta tal-imsemmija oggetti li saret permezz tad-digriet tal-31 ta’ Mejju 2001.

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-2 ta’ Ottubru, 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepixxiet:

1. Preliminarjament in-nullita’ ta’ l-azzjoni attrici stante illi l-atturi qeghdin effettivament jappellaw mid-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-31 ta’ Mejju 2001, liema appell ma segwiex il-forma rikjesta mill-ligi u ma giex prezentat fis-sede kompetenti.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li l-oggetti milquta bl-ezekuzzjoni tal-mandat *de quo* kienu jappartjenu lill-atturi, izda kienu jappartjenu lis-socjeta’ debitrici ta’ l-esponenti, u cioe’ tas-socjeta’ M.A. Supermarkets Limited, u inoltre illi l-agir ta’ l-atturi ma hu xejn ghajr manuvra sabirx l-esponenti tigi mpeduta milli tikupra l-kreditu taghha.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni (2) talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mandat ta’ qbid *de quo* fattwalment diga’ gie ezegwit u ghalhekk huwa inkoncepibbli li, kif mitlub mill-atturi, tigi revokata l-ezekuzzjoni tieghu.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet (3) talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u hija intempestiva stante illi l-bejgh in subasta ta’ l-oggetti mobbli *de quo* diga’ sar, u ghalhekk sehhet il-liberazzjoni definittiva a favur tal-offerenti rispettivi, inkluz l-attur Carmelo Pace innifsu li, mill-istess subasta li issa qed jitlob in-nullita’ taghha, huwa stess offra u akkwista mobbli.

5. Illi, ghall-istess ragunijiet moghtija fl-eccezzjoni precedenti, hemm terzi offerenti li ghandhom interess f’dawn il-proceduri u ghalhekk il-gudizzju mhux integru.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Joseph Deguara, I.D 606562(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu r-revoka ta' esekuzzjoni ta' mandat li sar fuq talba mill-konvenuti kontra MA Supermarkets Limited li kienet debitrici taghhom. Prattikament fl-istess zmien li kienu qed isiru l-proceduri esekuttivi, l-atturi xtraw minghand is-socjeta' MA Supermarkets l-oggetti kollha li kien hemm fl-istabbilimenti taghhom permezz tal-iskrittura a fol 9 tal-process, li naturalment kienu jikkomprendu l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid in kwistjoni.

Hemm certu fatturi li jhassbu serjament il-Qorti dwar dawn it-tipi ta' skritturi li jfaqqsu kull meta jkun hemm problemi finanzjarji. L-ewwelnett l-atturi huma l-ġenituri ta' mart id-direttur tas-socjeta' MA Supermarkets; il-prezz imhallas skond l-iskrittura hu wiehed ferm gholi (probabilment jirrispekkja l-valur tal-oggetti) u l-iskrittura saret fl-10 ta' April, 2001, meta l-mandat sar ghaxart ijiem wara. Sfortunatament ma gietx imharrka biex tixhed in-Nutara li quddiemha saret l-iskrittura. Madankollu ghalkemm il-Qorti hija ftit xettika fuq partijiet mix-xhieda tal-attur, fil-kawza ma tqajjmux elementi legalment b'sahhithom biex il-Qorti tiddeciedi dwar il-validita' tat-talbiet tal-atturi specjalment *in vista* tal-fatt li l-Qorti ma ghandhiex quddiemha xi talba dwar il-validita' *o meno* tal-istess skrittura, anzi hareg mill-provi illi qed issir kawza dwar dan *da parti* tal-istralcjarju tas-socjeta' MA Supermarkets u allura l-Qorti hija *multo magis* prekluza milli tiddeciedi dwar dan.

Ghalhekk il-Qorti, tajjeb u hazin ghandha quddiemha skrittura debitament awtentikata (anke jekk tidher li hi kopja ta' original – ma saret ebda eccezzjoni pero' dwar dan) minn Nutara li giet iffirmata fl-10 ta' April, 2001, waqt li l-mandat gie mahrug ftit granet wara. Kwindi legalment l-oggetti kienu gew inbieghu lill-atturi – sakemm ma jigix deciz minn din il-Qorti diversament preseduta illi l-iskrittura ma ghandhiex effett. Din il-Qorti ghalhekk tinsab fil-posizzjoni skomda li trid tiddeciedi dwar in-*nullita' o meno* tal-esekuzzjoni tal-mandat minghajr ma tiddeciedi dwar il-validita' tal-iskrittura meta din l-ahhar decizjoni tista' tincidi fuq l-ewwel wahda.

Hemm ukoll problema li jidher illi ghall-inqas certi oggetti gia' inbieghu bis-subasta u kwindi ma jkunx gust ghall-akkwirenti li jkunu akkwistaw *in bona fede* li jigu effettwati minn din is-sentenza. Il-Qorti ghalhekk ser tipprova tibbilancja bejn id-drittijiet tal-hafna partijiet li ghandhom interess fil-vertenza u li hafna minnhom m'humiex partijiet fil-kawza. Barra minn dan l-atturi ma ccitawx, kif messhom iccitaw, lis-socjeta' MA Supermarkets li bhala debitrici kellha kull interess fil-kawza – u ghalkemm ma saret lanqas ebda eccezzjoni dwar dan, il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni meta tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjes.

Il-Qorti ghalhekk thoss li fil-waqt li t-talba attrici ma gietx legalment sufficjentement kontrastata, m'hijex ser timpingi permezz tas-sentenza taghha fuq id-drittijiet ta' terzi li setghu akkwistaw permezz tal-bejgh bis-subasta u ser takkollha lill-atturi l-ispejjes tal-kawza ghaliex il-konvenuti ma kellhom ebda mezz ikunu jafu b'dak li kien ghaddej bejn is-socjeta' MA Supermarkets Limited u l-atturi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *eccetto* l-hames eccezzjoni illi qed tilqa', u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici fi-rigward tal-oggetti imsemmija, *eccetto* pero' dawk l-oggetti li gia' gew mibjugha lil terzi fis-subasta in kwistjoni.**

**L-ispejjes tal-kawza, minhabba dak li gia' intqal, ghandhom jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------